



## Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIET TAL-AVUKAT ĠENERALI  
CRUZ VILLALÓN  
ippreżentati fis-17 ta' Lulju 2014<sup>1</sup>

**Kawżi Magħquda C-93/13 P u C-123/13P**

**Il-Kummissjoni Ewropea**  
vs  
**Versalis SpA**  
**Eni SpA**  
u  
**Versalis SpA**  
**Eni SpA**  
vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**

“Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-lasktu tal-kloropren — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Iffissar tal-prezzijiet u tqassim tas-suq — Imputabbiltà tal-agħir illeċitu ta’ sussidjarja lill-kumpannija parent — Multi — Ċirkustanzi aggravanti — Reċidiva”

1. Dawn l-appelli huma indirizzati kontra s-sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-13 ta' Diċembru 2012, Versalis u Eni vs Il-Kummissjoni<sup>2</sup>, li permezz tagħha din tal-aħħar, essenzjalment, ċaħdet ir-rikors għall-annullament tad-Deċiżjoni C (2007) 5910 finali tal-Kummissjoni, tal-5 ta' Diċembru 2007, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38629 – Lasktu tal-kloropren)<sup>3</sup>, filwaqt li naqqset l-ammont tal-multa imposta *in solidum* mill-Kummissjoni Ewropeafuq Eni SpA u Versalis SpA.
2. Dawn iż-żewġ appelli jartikolaw b'mod klassiku għadd sħiħ ta' aggravji li jikkontestaw, essenzjalment, l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġeneral tal-imputazzjoni ta' ksur ikkonstatat lill-kumpanniji kkundannati f'din il-kawża għal multa *in solidum* u d-determinazzjoni tal-ammont ta' din il-multa.
3. F'din il-kawża, kienu s-sussidjarja ta' grupp u l-kumpannija parent tagħha li nżammu responsabbi għall-ksur ikkonstatat, f'kuntest fejn l-attività kkonċernata ġiet ikkontrollata suċċessivament minn diversi entitajiet tal-grupp. Il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, dan l-aħħar kellha l-okkażjoni tieħu pożizzjoni dwar il-kwistjonijiet prinċipali marbutin ma' din il-problema, b'mod partikolari fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2013, Eni vs Il-Kummissjoni<sup>4</sup>, u tat-13 ta' Ġunju 2013, Versalis vs Il-Kummissjoni<sup>5</sup>, li jippreżentaw numru ta' similaritajiet ma' dawn il-kawżi, u b'hekk mhux ser nelabora fit-tul fuqhom.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — T-103/08, EU:T:2012:686, iktar 'il quddiem is-“-sentenza appellata”.

3 — Iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”.

4 — C-508/11 P, EU:C:2013:289.

5 — C-511/11 P, EU:C:2013:386.

4. Dawn il-konklużjonijiet ser jikkonċentraw, min-naħa l-oħra, fuq dik li tista' titqies li hija l-problema prinċipali mqajma minn dawn iż-żewġ kawżi, jiġifieri dik tal-kundizzjonijiet li taħthom il-Kummissjoni tista' taggrava, fuq il-bażi ta' reċidiva, l-ammont bażiku tal-multa imposta fuq kumpannija parent, abbażi tal-ksur ikkonstatat preċedentement fir-rigward ta' waħda mis-sussidjarji tagħha.

## I – Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

5. Il-fatti li wasslu għall-kawża kif ukoll il-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata ġew deskritti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 1 sa 25 tas-sentenza appellata, li għalihom qed isir referiment għad-dettalji.

6. Għall-finijiet tal-eżami ta' dawn l-appelli, għandu sempliċement jitfakkar li Polimeri Europa SpA<sup>6</sup>, li saret Versalis SpA<sup>7</sup>, u l-kumpannija parent tagħha, Eni SpA, li huma formalment destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata, ġew ikkundannati *in solidum* fl-Artikoli 1(d) u 2(d) tal-istess deċiżjoni biex iħallsu multa ta' EUR 132 160 000 talli kisru l-Artikolu [101 TFUE] u talli pparteċipaw, bejn it-13 ta' Mejju 1993 u t-13 ta' Mejju 2002, fi ftehim uniku u kontinwu u fi prattiki miftiehma fis-settur tal-lasktu tal-kloropren.

7. F'dan il-każ, l-attività tal-lasktu tal-kloropren tal-grupp Eni, li inizjalment kienet operata minn EniChem Elastomeri, ġiet ittrasferita lil EniChem, li saret [kunfidenzjali], u sussegwentement, mill-1 ta' Jannar 2002, lil Polimeri Europa, li saret Versalis, waqt li huwa ppreċiżat li EniChem Elastomeri u Polimeri Europa kienu proprjetà 100 % ta' Enichem, li min-naħħa tagħha kienet ikkontrollata minn Eni.

8. B'hekk, kif jirriżulta mill-premessi 448 sa 455 tad-deċiżjoni kkontestata, kien fil-kwalità ta' suċċessur ekonomiku ta' EniChem li Polimeri Europa, li saret Versalis, inżammet responsabbi għall-aġir preċedenti ta' EniChem.

9. Kif jirriżulta mill-premessa 457 tad-deċiżjoni kkontestata, kien fil-kwalità tagħha bħala kumpannija parent aħħarija tal-grupp li kellu, għal parti direttament u għal parti indirettament, bejn 99.93 u 100 % tal-kapital tal-kumpanniji responsabbi mill-attività tal-lasktu tal-kloropren tal-grupp, jiġifieri EniChem Elastomeri, EniChem, li saret [kunfidenzjali], kif ukoll Polimeri Europa, li saret Versalis, li Eni ġiet ikkundannata, peress li barra minn hekk kien hemm provi oħrajn li juru l-fatt li hija kienet teżerċita influwenza determinanti fuq l-imsemmija sussidjarji.

## II – Ir-rikors quddiem il-Qorti Ĝeneralu u s-sentenza appellata

10. B'att tal-20 ta' Frar 2008, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors kontra d-deċiżjoni kkontestata, li fih huma fformulaw total ta' ħdax-il motiv, li minnhom sitta jitkolli l-annullament ta' din tal-aħħar, u ħamsa minnhom it-tnejħi jew it-tnaqqis tal-multa imposta fuqhom.

11. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ĝeneralu laqgħet l-ewwel parti tat-tmien motiv imressaq mir-rikorrenti, peress li ddeċidiet li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata b'illegalità inkwantu, minn naħħa, il-Kummissjoni ma setgħetx tqis li r-reċidiva hija ċirkustanza aggravanti fil-konfront ta' Eni u, min-naħħa l-oħra, hija ma setgħetx tqis li r-reċidiva hija ċirkustanza aggravanti fil-konfront ta' Polimeri Europa, li saret Versalis, billi tibbażza ruħha fuq id-deċiżjoni Polipropilen<sup>8</sup> (punkt 287 tas-sentenza appellata). Hija ċaħdet bħala infondati l-motivi l-oħrajn imressqa, fid-diversi partijiet tagħhom.

6 — Iktar 'il quddiem "Polimeri Europa".

7 — Eni u Versalis, rikorrenti fil-kawża T-103/08 u rikorrenti fl-appell fil-kawża C-123/13 P ser jissejħu "Eni" u "Versalis" jew, b'mod ġenerali u għall-faċilità tal-lingwa r-"rikorrenti" fil-kumplament ta' dawn il-konklużjonijiet, minkejja l-fatt li huma konvenuti fl-appell fil-Kawża C-93/13 P.

8 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni 86/398/KEE, tat-23 ta' April 1986, dwar proċedura li tapplika l-Artikolu [81 KE] (IV/31.149 – Polipropilen) (ĠU L 230, p. 1).

12. Bħala konsegwenza, hija naqqset l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti għal EUR 106 200 000 u kkundannathom iħallsu erba' partijiet minn ħamsa tal-ispejjeż tagħhom u tal-ispejjeż tal-Kummissjoni.

13. Il-motivi tas-sentenza tal-Qorti Ġeneral li ġew ikkōntestati mill-partijiet fil-kuntest tal-appelli tagħhom ser jiġu ċċitat, fejn ikun meħtieġ, matul l-analiżi tad-diversi aggravji mressqa.

### **III – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet**

14. Is-sentenza appellata hija s-suġġett ta' żewġ appell.

15. Il-Kummissjoni ppreżentat l-appell tagħha fil-Kawża C-93/13 P permezz ta' rikors ippreżentat fil-25 ta' Frar 2013.

16. Eni u Versalis ippreżentaw l-appell tagħhom fil-Kawża C-123/13 P permezz ta' rikors ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2013.

17. Iż-żewġ kawżi ġew magħquda flimkien għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

18. Id-diversi partijiet instemgħu matul is-seduta pubblika li saret fis-27 ta' Frar 2014, li matulha huma ġew mistiedna, minn naħħa, jikkonċentraw it-trattazzjoni tagħhom fuq id-diversi motivi li jikkonċernaw ir-reċidiva (l-ewwel motiv fil-Kawża C-93/13 P u l-ħames motiv fil-Kawża C-123/13 P) u, min-naħħa l-oħra, jieħdu pożizzjoni dwar is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2013, Eni vs Il-Kummissjoni<sup>9</sup>, u tat-13 ta' Ġunju 2013, Versalis vs Il-Kummissjoni<sup>10</sup>.

### **IV – Fuq l-appelli**

19. Fl-appell tagħha fil-Kawża C-93/13 P, il-Kummissjoni tressaq tliet aggravji, kollha kemm huma indirizzati kontra l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġeneral tal-legalità tal-multi imposti fuq Eni u Versalis. Fl-appell tagħhom fil-Kawża C-123/13 P, Eni u Versalis iressqu tmien motivi, l-ewwel tlieta indirizzati kontra l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġeneral tal-klassifikazzjoni tal-ksur, u l-ħamsa l-oħrajn indirizzati kontra l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġeneral tal-legalità tal-multi imposti fuqhom.

20. Id-diversi aggravji ser jiġu eżaminati skont din id-dikotomija, fl-ordni tal-punti tas-sentenza appellata li għalihom jirreferu, waqt li għandu jiġi pprecċiżat fl-ewwel lok li, bl-eċċeżżoni tal-ewwel aggravju mressaq mill-Kummissjoni fil-Kawża C-93/13 P, li jitlob analiżi sostanzjali, dawn kollha ser jiġu miċħuda finalment b'motivazzjoni konċiża.

### **V – Fuq l-aggravji dwar l-eżami mill-Qorti Ġeneral tal-legalità tal-konstatazzjoni tal-ksur (Kawża C-123/13 P)**

21. L-ewwel tliet aggravji tar-rikorrenti fil-Kawża C-123/13 P jirrigwardaw il-motivi tas-sentenza appellata fir-rigward tal-ksur u, b'mod iktar preċiż, l-imputazzjoni tal-ksur lil Eni u lil Versalis skont il-ġurisprudenza Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni<sup>11</sup>.

9 — EU:C:2013:289.

10 — EU:C:2013:386.

11 — C-97/08 P, EU:C:2009:536.

## A – *Fuq l-imputazzjoni tal-ksur lil Eni (l-ewwel aggravju)*

### 1. Argumenti tal-partijiet

22. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, ir-rikorrenti jikkontestaw l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 53 sa 78 tas-sentenza appellata, li permezz tagħha Eni nżammet responsabbi għall-aġir illeċitu tas-sussidjarji tagħha EniChem Elastomeri, EniChem, li saret [kunfidenzjali], u Polimeri Europa, li saret Versalis. Huma jqisu li l-Qorti Ġenerali marret kontra, minn naħa, il-prinċipji stabbiliti b'mod partikolari permezz tas-sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et vs Il-Kummissjoni*<sup>12</sup> u, min-naħħa l-oħra, l-obbligi li jirriżultaw mir-rekwiżit ta' motivazzjoni.

23. Il-Kummissjoni tiproponi semplicelement li jiġi miċħud l-aggravju, billi tirreferi għas-sentenza tat-8 ta' Mejju 2013, Eni vs Il-Kummissjoni<sup>13</sup>, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet aggravju analogu mressaq f'kuntest simili.

### 2. Analiżi

24. L-argumenti tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu aċċettati. Il-Qorti Ġenerali mmotivat b'mod suffiċjenti, għall-finijiet tal-liġi, fil-punti 53 sa 78 tas-sentenza appellata, ir-raġunijiet għalfejn hija kienet tal-fehma li l-Kummissjoni ġustament żammet lil Eni responsabbi *in solidum* ma' Polimeri Europa, li saret Versalis, għall-aġir illeċitu mwettaq minnha u minn EniChem, li saret [kunfidenzjali], matul il-perijodu bejn it-13 ta' Mejju 1993 u t-13 ta' Mejju 2002. F'dan ir-rigward, ser semplicelement nirreferi għall-aggravji tas-sentenza tat-8 ta' Mejju 2013, Eni vs Il-Kummissjoni<sup>14</sup>, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet argumenti tal-istess natura mressqa f'kuntest simili, inkwantu r-rikorrenti ma kienet ressuet ebda prova li tiġġustifika li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiċħad il-motivi adottati f'dik is-sentenza.

## B – *Fuq l-imputazzjoni tal-ksur lil Versalis (it-tieni aggravju)*

### 1. L-argumenti tal-partijiet

25. Ir-rikorrenti jargumentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta żammet lil Versalis responsabbi għal ksur għall-attivitajiet relatati mal-lasktu tal-kloropren matul il-perijodu bejn it-13 ta' Mejju 1993 u l-31 ta' Diċembru 2001<sup>15</sup>, inkwantu l-imsemmija attivitajiet kienu jaqgħu, f'dak iż-żmien, taħt ir-responsabbiltà esklużiva ta' EniChem, li saret [kunfidenzjali]. Huma jqisu li l-Qorti Ġenerali marret kontra, minn naħħa, il-prinċipju ta' personalità tas-sanzjonijiet u, min-naħħa l-oħra, l-obbligi li jirriżultaw mir-rekwiżit ta' motivazzjoni.

26. Il-Kummissjoni tirrileva li t-tieni aggravju tar-rikorrenti jirrigwarda evalwazzjoni tal-fatti li ma taqax taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja f'appell u b'hekk għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, peress li dawn tal-aħħar ma invokawx żnaturament tal-fatti. Hija targumenta li, fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti biddlu l-portata tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li huma invokaw.

12 — EU:C:2009:536.

13 — EU:C:2013:289, punti 64 sa 70.

14 — Ibidem (punti 60 sa 77).

15 — Ir-rikorrenti madankollu jikkontestaw, fil-kuntest tat-tielet aggravju tagħhom, il-perijodu tal-ksur hekk kif iddefinit, peress li dan tal-aħħar ma kienx jestendi iktar lil hinn minn Frar 1994 sa Ottubru 2000.

## 2. Analiżi

27. L-argumenti tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu aċċettati. Il-Qorti Ĝeneralni mmotivat b'mod suffiċjenti, għall-finijiet tal-liġi, fil-punti 89 sa 99 tas-sentenza appellata, ir-raġunijiet għalfejn hija kienet tal-fehma li l-Kummissjoni ġustament żammet lil Versalis responsabbi għall-aġir illeċitu mwettaq minn EniChem, li saret [kunfidenzjali], u dan mingħajr ma marret kontra l-ġurisprudenza pertinenti tal-Qorti tal-Ġustizzja<sup>16</sup>. F'dan ir-rigward, ser sempliċement nirreferi għall-motivi tas-sentenza Versalis vs Il-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2013<sup>17</sup>, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet argumenti tal-istess natura mressqa f'kuntest simili, peress li r-rikorrenti ma ressqt ebda prova li tiġġiustifika li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad il-motivi adottati f'dik is-sentenza.

C – *Fuq il-prova tal-parteċipazzjoni ta' EniChem fl-akkordju u t-tul tal-ksur (it-tielet aggravju)*

### 1. Argumenti tal-partijiet

28. Ir-rikorrenti jargumentaw li l-Qorti Ĝeneralni wettqet żball ta' liġi u żnaturat il-fatti u l-provi meta ddeċidiet li huma kienu pparteċipaw fl-akkordju bejn Mejju 1993 u Frar 1994 u bejn Ottubru 2000 u Mejju 2002. Huwa jsostnu li, b'mod partikolari, il-Qorti Ĝeneralni, fil-punt 173 tas-sentenza appellata, b'mod żbaljat aċċettat il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-bidu tal-parteċipazzjoni ta' EniChem fl-akkordju seta' jiġi ffissat għad-data tal-laqgħa li saret f'Firenze fit-12 jew fit-13 ta' Mejju 1993, inkwantu hija ma tbegħħidtx pubblikament mill-akkordju fis-swieq immirati li kien ġie konkluż. Huma jargumentaw li hija kienet ukoll żbaljata meta kkonkludiet li ż-żewġ laqgħat, li saru f'Leverkusen fit-23 ta' April 2002 u f'Napoli fit-13 ta' Mejju 2002, kien ta' natura antikompetittiva.

29. Il-motivazzjoni tas-sentenza kienet ukoll żbaljata jew ta' mill-inqas insuffiċjenti. Huma jitkolbu, bħala konsegwenza, li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina mill-ġdid l-ilmenti tal-Kummissjoni u li tillimita t-tul tal-parteċipazzjoni fil-ksur għal perijodu minn Frar 1994 sa Ottubru 2000.

30. Il-Kummissjoni tiproponi li dan l-aggravju jiġi miċħud bħala inammissibbli.

### 2. Analiżi

31. It-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli inkwantu r-rikorrenti, li fil-biċċa l-kbira jirriproduċu l-argumenti ppreżentati fl-ewwel istanza, essenzjalment jikkontestaw l-evalwazzjoni mill-Qorti Ĝeneralni tal-elementi ta' fatt u ta' prova kkunsidrati mill-Kummissjoni biex tistabbilixxi d-data tal-bidu u tat-tmien tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-akkordju (punti 147 sa 204 tas-sentenza appellata), mingħajr ma indikaw b'mod preċiż l-elementi li ġew żnaturati minnha u mingħajr ma wrew l-iż-żabalji ta' analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha, wassluha għal dan l-iż-naturament<sup>18</sup>.

16 — B'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra, EU:C:2004:6, punti 354 sa 359); tal-11 ta' Diċembru 2007, ETI *et* (C-280/06, Ġabra, EU:C:2007:775) u tad-29 ta' Marzu 2011, ThyssenKrupp Nirolta vs Il-Kummissjoni (C-352/09 P, Ġabra, EU:C:2011:191, punti 143 sa 157).

17 — EU:C:2013:386, punti 51 sa 60.

18 — Ara, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 2010, Lafarge vs Il-Kummissjoni (C-413/08 P, Ġabra, EU:C:2010:346, punti 15 sa 17) u Caffaro vs Il-Kummissjoni (C-447/11 P, EU:C:2013:797, punt 25).

32. Ser nosserva sempliċement li, f'din il-kawża, il-Qorti Ĝeneralni ddeċidiet (punt 168 tas-sentenza appellata) li l-Kummissjoni setgħet ġustament tqis li l-parteċipazzjoni ta' EniChem fl-akkordju kienet bdiet sa mil-laqgħa ta' Firenze fit-12 jew it-13 ta' Mejju 1993, billi bbażat ruħha, fost elementi oħrajn mhux ikkōntestati, fuq il-fatt li din kienet ittieħdet fid-dawl tal-akkordju konkluż u li hija ma tbiegħdix minnu. Ir-rikorrenti, li ma jressqu lanqas l-iċċen prova biex jistabbilixxu li EniChem effettivament tbiegħdet pubblikament mill-akkordju matul dik il-laqgħa<sup>19</sup>, ma jindikawx kif din il-konstatazzjoni tirriżulta minn żnaturament tal-fatti jew tal-provi.

## VI – Fuq il-motivi dwar l-eżami mill-Qorti Ĝeneralni tal-legalità tal-multi (Kawżi C-93/13 P u C-123/13 P)

A – *Fuq l-iffissar tal-ammont bażiku tal-multa (ir-raba' aggravju fil-Kawża C-123/13 P)*

### 1. L-argumenti tal-partijiet

33. Ir-raba' aggravju tar-rikorrenti, li jikkonsisti f'żewġ partijiet, jirrigwarda l-evalwazzjoni mill-Qorti Ĝeneralni tal-iffissar mill-Kummissjoni tal-ammont bażiku tal-multa imposta fuqhom. Fil-kuntest tal-ewwel parti, huma jargumentaw, b'riferiment għall-punti 239 u 240, 242, 247 u 249 tas-sentenza appellata, li l-Qorti Ĝeneralni marret kontra d-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-prinċipji ta' ekwità, proporzjonalità u ugwaljanza fit-trattament, billi naqset milli teżerċita l-istħarriġ tagħha ta' ġurisdizzjoni sħiħa fir-rigward tal-provi li huma pproduċew biex jikkōntestaw id-determinazzjoni mill-Kummissjoni tal-ammont bażiku tal-ammont addizzjonalni tal-multa. Huma jsostnu li l-Qorti Ĝeneralni, b'mod partikolari, injorat l-ilmenti tagħhom li l-Kummissjoni ma applikatx il-punt 18 tal-linji gwida dwar il-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003<sup>20</sup>. Fil-kuntest tat-tieni parti tal-aggravju, ir-rikorrenti jargumentaw, billi jirreferu f'dan ir-rigward għat-tielet aggravju tagħhom, li l-koeffiċjent multiplikatur previst fil-punt 24 tal-linji gwida kellu jitnaqqas għal 6, 75, li jikkorrispondi għal 6 snin u 9 xhur ta' parteċipazzjoni effettiva ta' Versalis fil-ksur.

34. Il-Kummissjoni jidhrilha li dan l-aggravju, li globalment huwa limitat għal riferiment għall-argumenti fformulati fl-ewwel istanza, għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

### 2. Analiżi

35. L-ewwel parti tal-aggravju tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli inkwantu fir-realtà jwassal biex jinkiseb sempliċi rieżami tar-rikors ippreżzentat quddiem il-Qorti Ĝeneralni, li, skont l-Artikolu 56 tal-istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, imur lil hinn mill-kompetenza ta' din tal-aħħar<sup>21</sup>. Biżżejjed jiġi rrilev, f'dan ir-rigward, li r-rikorrenti jirreferu b'mod ġenerali għar-rikors tagħhom fl-ewwel istanza, billi jinvokaw ċerti elementi li ma ġewx ikkunsidrati mill-Qorti Ĝeneralni, iżda mingħajr ma jispiegaw l-iż-żebbu ta' l-ġiġi kienet it-tieġi tagħha u mingħajr ma jikkōntestaw l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li hija għamlet<sup>22</sup>. L-ilment dwar

19 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni (EU:C:2004:6, punti 81 sa 85); tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rörindustri *et vs* Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabro, EU:C:2005:408, punti 142 sa 144); tal-25 ta' Jannar 2007, Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel *vs* Il-Kummissjoni (C-403/04 P u C-405/04 P, Ġabro, EU:C:2007:52, punti 47 u 48) u Archer Daniels Midland *vs* Il-Kummissjoni (C-510/06 P, Ġabro, EU:C:2009:166, punti 119 u 120).

20 — ĠU 2006 C 210, p. 2, iktar 'il quddiem il-linji gwida tal-2006".

21 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' Settembru 2003, Volkswagen *vs* Il-Kummissjoni (C-338/00 P, Ġabro, EU:C:2003:473, punt 47).

22 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie *vs* Il-Kummissjoni (C-89/11 P, Ġabro, EU:C:2012:738, punti 112 sa 114).

in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-punt 18 tal-linji gwida għandu jiġi miċħud ukoll bħala inammissibbli, inkwantu r-rkorrenti semplicejment jallew li huma ressquh matul is-seduta quddiem il-Qorti Ġeneral, fatt ikkōntestat mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, u meta titqies ir-risposta proposta li għandha tingħata għat-tielet aggravju, għandha tiġi miċħuda wkoll it-tieni parti tal-aggravju.

#### B – *Fuq il-klassifikazzjoni tar-reċidiva ta' Eni (l-ewwel aggravju fil-Kawża C-93/13 P)*

##### 1. Il-motivi tas-sentenza appellata

36. Il-Qorti Ġeneral ddeċidiet, fil-punt 275 tas-sentenza appellata, li l-ksur ikkonstatat fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata ma jistax jitqies li huwa reċidiva fir-rigward ta' Eni. Essenżjalment, mill-motivi tas-sentenza appellata (punti 268 sa 275) jirriżulta li żewġ tipi ta' kunsiderazzjonijiet jiġġustifikaw fl-istess ħin din il-konklużjoni.

37. L-ewwel waħda hija li, fid-deċiżjoniċi tagħha Polipropilen u PVC II<sup>23</sup>, il-Kummissjoni "la ppretendiet u lanqas uriet" li l-kumpanniji msemmijin minn dawn tal-aħħar, jiqifieri Anic SpA u EniChem, ma kinux iddeterminaw b'mod awtonomu l-agħir tagħhom fis-suq inkwistjoni matul il-perijodi ta' ksur, u li huma kienu jikkostitwixxu entità ekonomika ma' Eni (punt 272 tas-sentenza appellata). B'hekk, Eni la ġiet issanzjonata u lanqas ma kienet id-destinatarja ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet (punti 272 u 274).

38. It-tieni waħda hija li Eni ma kinitx, bħala kumpannija parent, f'pożizzjoni li tistabbilixxi li hija ma kinitx tikkostitwixxi unità ekonomika flimkien maż-żewġ impriżi ssanzjonati b'dawn id-deċiżjoniċi. Eni b'hekk ma setgħetx tinżamm responsabbi għall-ksur preċedenti, mingħajr ma jinkisru d-drittijiet tad-difiża tagħha u, b'mod iktar preċiż, mingħajr dritt li tikkontesta l-eżistenza ta' unità ekonomika maż-żewġ impriżi ssanzjonati (punti 273 u 274 tas-sentenza appellata).

39. Il-Qorti Ġeneral madankollu ddeċidiet, fil-punt 276 tas-sentenza appellata, li l-fatt li ebda reċidiva ma setgħet tiġi kkonstatata fir-rigward ta' Eni ma setax fih innifsu jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta, peress li konstatazzjoni ta' reċidiva fir-rigward ta' Polimeri Europa, li saret Versalis, setgħet tiġġustifika ż-żieda tal-ammont tal-multa abbażi tar-reċidiva.

##### 2. Argumenti tal-partijiet

40. Fil-kuntest tal-ewwel aggravju tagħha fil-Kawża C-93/13 P, li jinqasam f'żewġ partijiet, il-Kummissjoni targumenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li hija kienet żiedet b'mod żbaljat l-ammont bażiku tal-multa imposta fuq Eni abbażi tar-reċidiva. Hija tirreferi b'mod partikolari għall-punti 271 sa 274 tas-sentenza appellata.

41. Fil-kuntest tal-ewwel parti ta' dan l-ewwel aggravju, il-Kummissjoni targumenta li l-Qorti Ġenerali marret kontra l-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża għall-finijiet tal-konstatazzjoni ta' reċidiva, billi qieset, essenżjalment, li Eni ma setgħetx tinstab li kienet reċidiva peress li hija ma kellhiex il-possibbiltà li tikkonfuta l-preżunzjoni ta' kontroll totali li hija kienet teżerċita fuq l-impriżi li kienu destinatarji tad-deċiżjoniċi Polipropilen u PVC II.

23 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/599/KE tas-27 ta' Lulju 1994, dwar proċedura li tapplika l-Artikolu [81 KE] (IV/31.865 – PVC) (ĠU L 239, p. 14, iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni PVC II”).

42. Hija jidhrilha, b'riferiment għas-sentenza Shell Petroleum *et vs Il-Kummissjoni*<sup>24</sup> tal-Qorti Ġenerali, li d-drittijiet tad-difiża huma għarantti peress li, fil-mument meta hija tħabbar l-intenzjoni tagħha li tikkonstata r-reċidiva, hija tagħti lill-partijiet il-possibbiltà li juru li dawn il-kundizzjonijiet ma' ġewx issodisfatti. Dan kien il-każ f'din il-kawża partikolari. Il-punt 416 tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet jiġbed preċiżament l-attenzjoni tad-destinatarji tagħha għall-ewwel inċiż tal-punt 28 tal-linji gwida tal-2006, dwar ir-reċidiva, peress li n-nota ta' qiegħ il-pażna 483 tirreferi, f'dan ir-rigward, għad-deċiżjonijiet PVC II u Polipropilen. Issa, Eni la ppruvat tikkonfuta l-preżunzjoni li hija kienet teżerċita influwenza determinanti fuq l-impriżi destinatarji tad-deċiżjonijiet Polipropilen u PVC II, u lanqas, fid-dawl taż-żmien li għadda wara l-adozzjoni ta' dawn iż-żewġ deċiżjonijiet, ma invokat l-impossibbiltà li jitressqu l-provi pertinenti f'dan ir-rigward.

43. Hija żżid tgħid ukoll li r-reċidiva ma għandhiex l-iskop li tissanzjona b'mod retroattiv l-ewwel ksur, iżda sempliċement li jiġu dderivati l-konseguenzi ta' ksur ġdid imwettaq minn impriżza.

44. Fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tagħha, il-Kummissjoni targumenta li l-Qorti Ġenerali, fi kwalunkwe każ, wettqet ukoll ksur manifest tal-Artikolu 101 TFUE billi ddeċidiet li hija ma setgħetx timputa lil Eni r-responsabbiltà għal ksur imwettaq fl-imghoddli li għalihi hija ma kinitx ġiet issanzjonata. Il-konstatazzjoni ta' reċidiva ma hijiex ibbażata fuq l-impożizzjoni ta' sanzjoni finanzjarja preċedenti, iżda biss fuq il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' ksur preċedenti.

45. F'dan il-każ, ir-reċidiva ta' Eni ma ġietx stabbilita minħabba l-fatt li hija kienet "inżammet responsabbli għal ksur preċedenti" iżda għaliex hija kellha kontroll ta' 100% fuq sussidjarja li preċedentement kienet ġiet ikkundannata għal multa u li l-impriżza li hija tifforma ma' din tal-aħħar wettqet ksur ġdid, li għandu jagħti lok għal multa li għandha tiżdied abbażi tar-reċidiva.

46. Eni min-naħħa l-oħra targumenta li hija ma tistax titqies li hija reċidiva peress li hija qatt ma kienet parti fil-kawżi Polipropilen u PVC II, li hija la kienet id-destinatarja u lanqas kienet tissemma fid-deċiżjonijiet ta' ksur, li hija ma rċevitx talbiet għal informazzjoni jew dikjarazzjoniijiet ta' oġġezzjonijiet, u li hija qatt ma nstemgħet fil-kuntest ta' seduta. L-imputazzjoni *ex post* ta' responsabbiltà għal reċidiva fuq il-bażi ta' preżunzjoni li hija qatt ma kienet f'pożizzjoni li tikkonfuta hja inkompatibbli mal-prinċipju ta' ħarsien tad-drittijiet tad-difiża, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali.

### 3. Analiżi

47. Fl-ewwel lok għandu jitfakkar li, b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma għandhomx għalfejn iressqu prova ta' interessa biex ikunu jistgħu jippreżentaw appell minn sentenza tal-Qorti Ġenerali<sup>25</sup>. Konsegwentement, il-fatt li l-ewwel aggravju tal-appell tal-Kummissjoni huwa indirizzat kontra l-motivi tas-sentenza appellata, li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali kkonstatat l-iżball li din tal-aħħar wettqet meta kkonstatat li Eni kienet reċidiva fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, iżda mingħajr ma annullat din id-deċiżjoni, ma jistax iwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara dan l-appell inammissibbli minħabba fin-nuqqas ta' interessa ġuridiku.

24 — Sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Shell Petroleum *et vs Il-Kummissjoni* (T-343/06, Ġabra, EU:T:2012:478, punt 275).

25 — Ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni (C-49/92 P, Ġabra, EU:C:1999:356, punti 171 u 172).

48. Wara din il-preċiżazzjoni, qabel ma jiġi eżaminat il-mertu tal-aggravju mressaq mill-Kummissjoni, għandha titfakkar fil-qosor il-ġurisprudenza pertinenti tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tar-reċidiva fid-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni<sup>26</sup> u li jiġu ddeelineati sew it-termini tal-problema mqajma f'din il-kawża. Kif għadu kif intqal, din tal-akħħar tikkonċerna l-każ partikolari tal-konstatazzjoni ta' reċidiva fil-kuntest ta' atti ta' ksur suċċessivi mwettqa mill-kumpanniji ta' grupp u, b'mod iktar preċiż, is-sitwazzjoni speċifika li fiha r-reċidiva ta' kumpannija parent tiġi kkonstatata fuq is-sempliċi bażi tal-aqiर preċedenti ta' waħda mis-sussidjarji tagħha.

a) Osservazzjonijiet preliminari dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-konstatazzjoni ta' reċidiva fil-kuntest ta' atti ta' ksur suċċessivi mwettqa mill-kumpanniji ta' grupp

49. L-ammont tal-multa li l-Kummissjoni tista', b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat<sup>27</sup>, timponi fuq l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi li jwettqu, b'mod volontarju jew b'negliżenza, ksur tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE huwa ffissat skont il-gravità tal-ksur u, jekk ikun hemm lok, it-tul tiegħu<sup>28</sup>.

50. Ir-reċidiva hija waħda mill-elementi li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja<sup>29</sup>, kif ukoll tal-Qorti Ġeneral, għandha tiġi kkunsidrata fl-analiżi tal-gravità tal-ksur, bħala ċirkustanzi aggravanti<sup>30</sup>. Ir-reċidiva, li issa hija mniżżla fil-linji gwida<sup>31</sup>, hija ċirkustanza aggravanti ta' tali natura li tiġġustifika żieda tal-ammont bażiku tal-multa imposta fuq kull impija ħatja li tkun segwiet jew tenniet ksur identiku jew analogu għal ksur preċedenti kkonstatat mill-Kummissjoni jew minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni.

51. Il-konstatazzjoni u l-evalwazzjoni tal-karatteristiċi ta' reċidiva, li hija intiża li theggex lill-impriżi, li jkunu wrew propensità li jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni, biex jimmodifikaw l-aqiż tagħhom<sup>32</sup>, jaqgħu taħt id-diskrezzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għażla tal-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi<sup>33</sup>.

52. Il-Qorti tal-Ġustizzja, lil hinn minn din l-informazzjoni, qatt ma ddefinixxiet il-kunċett ta' reċidiva sussegwentement, b'differenza mill-Qorti Ġenerali.

26 — Ara, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, J.J. Piernas López, "The aggravating Circumstance of Recidivism and the Principle of Legality in the EC Fining Policy : *nulla poena sine lege?*", World Competition, 2006, Vol. 29, Nru 3, p. 441; Bosco *et al.*, "Ombres et lumières du traitement de la récidive par le droit des pratiques anticoncurrentielles", Concurrences, 2010, Nru 4, p. 13; b'mod partikolari, M. Barennes, u G. Wolf, Cartel Recidivism in the Mirror of EU Case Law, Journal of European Competition Law & Practice, September 2011; u W.P.J. Wils, Recidivism in EU Antitrust Enforcement: "A Legal and Economic Analysis", World Competition, 2012, Vol. 35, nru 1.

27 — (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205). Preċedentement, tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill nru 17 tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel regolament li japplika l-Artikoli [81] u [82] tat-Trattat (ĠU 1962, 13, p. 204).

28 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 1997, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (C-219/95 P, EU:C:1997:375, punt 32).

29 — Ara s-sentenzi Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2004:6, punt 91); tat-8 ta' Frar 2007, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (C-3/06 P, Ġabro, EU:C:2007:88, punt 26), u Lafarge vs Il-Kummissjoni (EU:C:2010:346, punt 63).

30 — Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2006, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni (C-308/04 P, Ġabro, EU:C:2006:433, punt 71).

31 — Ara l-punt 2 tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti b'applikazzjoni tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u tal-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA (ĠU 1998, C 9, p. 3, iktar 'il quddiem il-“linji gwida tal-1998”), u punt 28 tal-linji gwida tal-2006.

32 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (EU:C:2007:88, punt 39).

33 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (EU:C:1997:375, punt 33).

53. Skont l-iktar definizzjoni wiesgħa<sup>34</sup> użata minn din tal-aħħar, “[i]l-kunċett ta’ reċidiva, hekk kif inhu mifhum f’ċertu numru ta’ sistemi legali nazzjonali, jimplika li persuna tkun wettqet ksur ġodda wara li tkun ġiet issanzjonata għal ksur simili”<sup>35</sup>.

54. Il-Qorti tal-Ġustizzja<sup>36</sup> madankollu ddeċidiet, biex b’hekk ikkonfermat il-ġurisprudenza tal-Qorti Ĝeneralu fuq dan il-punt<sup>37</sup>, li “l-kunċett ta’ reċidivitā [...] ma jimplikax neċessarjament il-konstatazzjoni preliminary ta’ sanzjoni bi ħlas, iżda biss dak ta’ ksur tad-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni”.

55. Bħala konsegwenza u b’mod ferm skematiku, kull konstatazzjoni ta’ reċidiva fid-drift tal-kompetizzjoni tal-Unjoni tippreżupponi r-repetizzjoni tal-istess ksur (identiċità tal-ksur) mill-istess awtur (identiċità tal-awtur).

56. Il-konstatazzjoni ta’ reċidiva tal-impriżi li huma proprijetà ta’ kumpanniji li jifformaw parti minn grupp ta’ kumpanniji madankollu tippreżenta xi karakteristiċi spċifici, kif jirriżulta f’din il-kawża. Din tal-aħħar effettivament turi d-diffikultajiet li tista’ toħloq l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni ta’ reċidiva marbuta mal-identiċità tal-awtur, mhux b’mod ġenerali, iżda fil-każ partikolari li fih il-ksur suċċessiv tad-dritt tal-kompetizzjoni jkun imputabli lil kumpanniji differenti tal-istess grupp, waqt li huwa ppreċiżat li dik relatata mas-similarità tal-ksur ma hijex inkwistjoni.

57. Konsegwentement, il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin ma jirrigwardawx il-kundizzjoni jiet għall-konstatazzjoni tar-reċidiva b’mod ġenerali, iżda biss l-ammissibbiltà tal-prassi tal-Kummissjoni<sup>38</sup> li tikkonsisti fiż-żieda, abbażi taċ-ċirkustanza aggravanti ta’ reċidiva, tal-ammont bażiku tal-multa imposta fuq kumpannija li tkun tagħmel parti minn grupp ta’ kumpanniji għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, billi tisfrutta l-kunċett estensiv ta’ impriża bħala unità ekonomika, fis-sens tal-ġurisprudenza Akzo Nobel<sup>39</sup>.

58. Ser infakkar semplicemente li, skont din il-ġurisprudenza, l-aġir ta’ sussidjarja jista’ jiġi imputat lill-kumpannija parent b’mod partikolari meta din tal-ewwel, għalkemm ikollha personalità ġuridika distinta, ma tiddeterminax awtonomamente l-aġir tagħha fis-suq iżda tapplika essenzjalment l-istruzzjonijiet li tingħata mill-kumpannija parent, b’mod partikolari fid-dawl tar-rabtiet ekonomiċi, organizzattivi u ġuridiċi li jgħaqqu lil dawn iż-żewġ entitajiet ġuridiċi.

59. B’hekk huwa aċċettat li, fil-każ partikolari fejn kumpannija parent jkollha l-ishma kollha jew kważi kollha tas-sussidjarja taħha, hija tista’ teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir ta’ din tal-aħħar u teżisti preżunzjoni inkonfutabbi li hija effettivament teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha. F’dawn iċ-ċirkustanzi, huwa bieżżejjed li l-Kummissjoni tressaq prova li l-kapital kollu ta’ sussidjarja jkun f’idejn il-kumpannija parent tagħha biex tippreżumi li din tal-aħħar teżerċita

34 — Ara, b’mod partikolari s-sentenzi Thyssen Stahl vs Il-Kummissjoni (T-141/94, Ġabro, EU:T:1999:48, punt 617); Michelin vs Il-Kummissjoni (T-203/01, Ġabro, EU:T:2003:250, punt 284); Shell Petroleum *et al.* vs Il-Kummissjoni (T-38/07, EU:T:2011:355, punt 91); Eni vs Il-Kummissjoni (T-39/07, Ġabro, EU:T:2011:356, punt 162); ThyssenKrupp Liften Ascenseurs vs Il-Kummissjoni (T-144/07, T-147/07 sa T-150/07 u T-154/07, EU:T:2011:364, punt 308), kif ukoll Saint-Gobain Glass France *et al.* vs Il-Kummissjoni (T-56/09 u T-73/09, Ġabro, EU:T:2014:160, punt 305).

35 — Jista’ jiġi osservat li, fis-sentenza Shell Petroleum *et al.* vs Il-Kummissjoni (EU:T:2012:478, punt 247), il-Qorti Ĝeneralu ddeċidiet li “Il-kunċett ta’ reċidiva għandu jinfiehem li huwa intiż għall-każ fejn l-istess impriża, wara li tkun ġiet issanzjonata għal ksur, twettaq ksur ieħor simili”, li ma hijex l-istess ħaġa.

36 — Sentenza Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (EU:C:2007:88, punt 41).

37 — Sentenzi Groupe Danone vs Il-Kummissjoni (T-38/02, Ġabro, EU:T:2005:367, punt 363) u BPB vs Il-Kummissjoni (T-53/03, Ġabro, EU:T:2008:254, punt 387).

38 — Li ser insejjaħ, fil-kumplament ta’ dawn il-konklużjoni jiet, il-“prassi deċiżjonali inkwistjoni tal-Kummissjoni”.

39 — Ara, b’mod partikolari s-sentenzi Akzo Nobel *et al.* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2009:536, punti 54, 55 u 58) kif ukoll Il-Kummissjoni vs Siemens Österreich *et al.* (C-231/11 P sa C-233/11 P, Ġabro, EU:C:2014:256, punti 41 sa 48 u l-ġurisprudenza ċċitat).

influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali ta' din is-sussidjarja u tqis lill-kumpannija parent responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha, sakemm din il-kumpannija parent, li jkollha l-oneru li tikkonfuta din il-preżunzjoni, ma tressaqx provi suffiċjenti li juru li s-sussidjarja tagħha taġixxi b'mod awtonomu fis-suq.

60. It-tliet każijiet ipotetiċi li jistgħu teoretikament jiġu previsti f'din il-perspettiva jistgħu jiġu ppreżentati skont kif ġej. Fl-ewwel lok, jista' jitqies il-ksur preċedenti tas-sussidjarja ta' grupp sabiex tiġi stabbilita r-reċidiva fir-rigward ta' sussidjarja oħra ta' dan il-grupp. Sussegwentement, jista' jitqies il-ksur preċedenti tas-sussidjarja ta' grupp sabiex tiġi stabbilita r-reċidiva fir-rigward tal-kumpannija parent tal-grupp minħabba l-agħir tal-istess sussidjarja jew ta' sussidjarja oħra tal-grupp. Finalment, jista' jitqies il-ksur preċedenti tas-sussidjarja ta' grupp sabiex tiġi stabbilita r-reċidiva fir-rigward tal-kumpannija parent tal-grupp<sup>40</sup>, waqt li din tal-aħħar tiġi ssanzjonata għall-aġir tagħha stess<sup>41</sup>. Hija din l-aħħar ipoteżi li tapplika għal din il-kawża.

61. L-element komuni bejn dawn it-tliet ipoteżiżiet, u li jinsab fil-qalba ta' din il-kawża, huwa li, billi tisfrutta l-kunċett ta' imprija bħala unità ekonomika, il-Kummissjoni tista' taggrava s-sanzjoni imposta fuq kumpannija parent billi tibbaża ruħha fuq ksur preċedenti mwettaq minn imprija li taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' sussidjarja li hija tkun tikkontrolla, anki meta l-imsemmija kumpannija parent ma tkunx ġiet issanzjonata għal dan l-ewwel ksur u tkun baqgħet totalment trasparenti fil-kuntest tal-proċedura li tkun wasslet għall-adozzjoni ta' din l-ewwel deċiżjoni.

62. Il-Qorti Ġenerali kellha l-okkażjoni teżamina f'diversi okkażjonijiet il-legalità ta' din il-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni. Il-pożizzjoni tagħha, b'mod ġenerali, kienet tvarja bejn tliet pożizzjonijiet, l-ewwel waħda li taċċettaha fil-prinċipju<sup>42</sup>, biex b'hekk tiftaħ it-triq għall-iż-żvilupp tal-prassi deċiżjonali inkwistjoni tal-Kummissjoni, it-tieni waħda li tiċħadha, esenzjalment, fuq il-bażi tal-ksur ta' obbligu ferm strett ta' motivazzjoni<sup>43</sup>, u t-tielet waħda li tiċħadha fil-prinċipju<sup>44</sup> għal raġunijiet li huma esenzjalment relatati mal-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża tal-kumpanniji parent li huma meqjusa bħala reċidivi f'dawn iċ-ċirkustanzi.

63. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha biss okkażjoni waħda biex teżamina l-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni. Fis-sentenzi reċenti tagħha Eni vs Il-Kummissjoni<sup>45</sup> u Versalis vs Il-Kummissjoni<sup>46</sup>, li ngħataw wara s-sentenza appellata, hija kkonfermat is-sentenzi Eni vs Il-Kummissjoni<sup>47</sup> u Polimeri Europa vs Il-Kummissjoni<sup>48</sup> tal-Qorti Ġenerali li jannullaw deċiżjoni li qieset li kumpannija parent kienet reċidiva fċirkustanzi simili, jew identiċi, bħal dawk tal-kawża inkwistjoni. Hija ddeċidiet, esenzjalment, li meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li timponi multa fuq kumpannija għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u li żżid, abbażi tar-reċidiva, l-ammont

40 — L-oppost, li jikkonsisti fit-teħid inkunsiderazzjoni tal-ksur preċedenti tal-kumpannija parent ta' grupp sabiex tiġi stabbilita ċ-ċirkustanza aggravanti tar-reċidiva fir-rigward tas-sussidjarja tal-istess grupp, hija wkoll teoretikament prevedibbi; ara f'dan is-sens L. Bernardeau, u J.-P. Christienne, Les amendes en droit de la concurrence, Pratique décisionnelle et contrôle juridictionnel du Droit de l'Union, Larcier, 2013, nru I.270.

41 — Huwa mifhum li din il-preżentazzjoni skematika tissemplifika l-elementi kumplessi li jirriżultaw mill-evoluzzjoni tal-istuttura ġuridika ta' grupp ta' kumpanniji bejn il-konstatazzjoni u s-sanzjonar ta' żewġ atti ta' ksur.

42 — Ara s-sentenzi Michelin vs Il-Kummissjoni (T-203/01, Ġabra, EU:T:2003:250 punti 290) u Shell Petroleum *et* vs Il-Kummissjoni (EU:T:2012:478).

43 — Ara s-sentenzi tal-Qorti Ġeneral tat-13 ta' Lulju 2011, Eni vs Il-Kummissjoni (T-39/07, Ġabra, EU:T:2011:356, punti 161 sa 171); u Polimeri Europa vs Il-Kummissjoni (T-59/07, Ġabra, EU:T:2011:361, punti 293 sa 303). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat rispettivament dawn iż-żewġ sentenzi fis-sentenzi tagħha tat-8 ta' Mejju 2013, Eni vs Il-Kummissjoni (EU:C:2013:289) u tat-13 ta' Ġunju 2013, Versalis vs Il-Kummissjoni (EU:C:2013:386), eżaminati iktar l-isfel.

44 — Ara s-sentenzi ThyssenKrupp Liften Ascenseurs vs Il-Kummissjoni (EU:T:2011:364, punti 308, 319-320, 322) u Saint-Gobain Glass France *et* vs Il-Kummissjoni (EU:T:2014:160, punti 317-320). L-appell ippreżentat mis-sentenza ThyssenKrupp Liften Ascenseurs vs Il-Kummissjoni ġie kkanċellat b'digriet tat-8 ta' Mejju 2012, ThyssenKrupp Elevator CENE (li qabel kienet ThyssenKrupp Aufzüge) u ThyssenKrupp Fahrstufen vs Il-Kummissjoni (C-503/11 P, EU:C:2012:277).

45 — EU:C:2013:289, punt 129.

46 — EU:C:2013:386, punt 142.

47 — EU:T:2011:356.

48 — EU:T:2011:361.

bażiku ta' din il-multa, hija għandha l-obbligu "li tipprovdi, flimkien mad-deċiżjoni li timponi l-imsemmija multa<sup>49</sup>, espożizzjoni li tista' tippermetti li kemm il-qrati tal-Unjoni kif ukoll din il-kumpannija jifhmu *fliema kwalità u sa fejn* hija kienet implikata fil-ksur preċedenti". Hija għandha l-obbligu, b'mod partikolari, meta tqis li din il-kumpannija tkun għamlet parti mill-impriżza destinatarja tad-deċiżjoni li tikkonċċera l-ksur preċedenti, li timmotiva din l-affermazzjoni b'mod suffiċjenti skont il-liġi.

64. F'dawn iż-żewġ sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tal-fehma li d-deċiżjoni kkontestata, li kienet timponi fuq il-kumpannija parent ta' grupp ta' kumpanniji multa li l-ammont bażiku tagħha kien ġie miżjud abbażi tar-reċidiva fċirkustanzi paragunabbli għal dawk ta' din il-kawża, ma kinitx motivata b'mod suffiċjenti, peress li l-indikazzjonijiet li jinsabu fiha b'ebda mod ma jippermettu li wieħed jifhem *fliema kwalità u sa liema grad* l-imsemmija kumpannija parent, li ma kinitx tinsab fost id-destinatarji tad-deċiżjonijiet preċedenti Polipropilen u PVC II, kienet implikata f'dawk id-deċiżjonijiet<sup>50</sup>.

65. Wieħed jista' jiddeduċi minn dawn il-kawża li l-Qorti tal-Ġustizzja ma teskludix, fil-prinċipju, il-possibbiltà għall-Kummissjoni li tapplika c-ċirkustanza aggravanti tar-reċidiva fċirkustanzi bħal dawk ta' din il-kawża, waqt li tissuġġetta l-ammissibbiltà ta' din il-prassi għall-kundizzjoni li d-deċiżjoni li tikkonstata t-tieni ksur u li tistabbilixxi r-reċidiva fir-rigward tal-kumpannija parent tissodisfa, ta' mill-inqas, ir-rekwiżiti preċiżi ta' motivazzjoni li hija timponi. Għandu jiġi osservat li, b'dan il-mod, huwa fl-istadju tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tistabbilixxi r-reċidiva u li tikkonstata t-tieni ksur li l-Qorti tal-Ġustizzja tanalizza s-sitwazzjoni, u mhux fl-istadju tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tikkonstata l-ewwel ksur kif għamlet il-Qorti Ġeneral fis-sentenza appellata.

b) L-inkompatibbiltà tal-aproċċ tal-Qorti Ġeneral mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u r-riżoluzzjoni tal-appell

66. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti li għandu jiġi eżaminat l-ewwel aggravju tal-Kummissjoni, li fil-kuntest tiegħu hija essenzjalment issostni li, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, ir-reċidiva tista' tiġi stabbilita fir-rigward tal-kumpannija parent ta' grupp ta' kumpanniji fl-assenza ta' kull sanżjoni preċedenti għal din tal-aħħar, kemm-il darba jiġi stabbilit li hija kienet tifforma unità ekonomika ma' kumpannija oħra li wkoll kienet ġiet issanzjonata preċedentement u kemm-il darba hija tkun ingħatat l-opportunità, fil-kuntest tal-adozzjoni tat-tieni deċiżjoni li tikkonstata r-reċidiva, li tikkonfuta l-preżunzjoni li hija effettivament kienet teżerċita influwenza determinanti fuq il-kumpannija ssanzjonata preċedentement.

67. Nenfasizza, fl-ewwel lok, li jidher ċar li s-sentenza appellata, li taqa' taħt l-iżvilupp tat-tielet u l-aħħar ipoteżi tal-ġurisprudenza żviluppata mill-Qorti Ġenerali, li teskludi fil-prinċipju kull konstatazzjoni ta' reċidiva fċirkustanzi bħal dawk f'din il-kawża, ma hijiex kompatibbi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

68. L-iżbalji ta' li ġi mgħalliha minn il-Qorti Ġenerali, li jistgħu jiġi għall-unika motivazzjoni tad-deċiżjoni li timponi l-multa u tikkonstata r-reċidiva, hija madankollu ma jimplikawx li l-appell tal-Kummissjoni għandu jintlaqa', u lanqas li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali għandha tiġi annullata, jekk id-dispożittiv tas-sentenza appellata jidher li jkun fondat abbażi ta' raġunijiet legali oħrajn<sup>51</sup>.

49 — F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi biss għall-unika motivazzjoni tad-deċiżjoni li timponi l-multa u tikkonstata r-reċidiva, hija madankollu tqis, fil-kuntest tal-istħarriġ li hija tagħmel f'dan il-każ, il-motivazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet (ara s-sentenzi Eni vs Il-Kummissjoni (EU:C:2013:289, punt 130) u Versalis vs Il-Kummissjoni (EU:C:2013:386, punt 143), sottilejza li dwarha ser ikolli l-okkażjoni nerġa' nittratta.

50 — Jista' jiġi osservat li l-Qorti Ġenerali kienet iddeċidiet, min-naħa tagħha, li d-deċiżjoni kkontestata ma tinxklu elementi ssostanzjati u preċiżi biżżejjed biex ikun jista' jiġi ggħustifikat li l-istess impriżza rrepetiet aġir illeċitu, li ma hijiex l-istess ħaġa; ara s-sentenzi Eni vs Il-Kummissjoni (EU:T:2011:356, punt 171) u Polimeri Europa vs Il-Kummissjoni (EU:T:2011:361, punt 303).

51 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-9 ta' 15 ta' Diċembru 1994, Finsider vs Il-Kummissjoni (C-30/91 P, Ġabru, EU:C:1992:252, punt 28) u tal-15 ta' 15 ta' Diċembru 1994, Finsider vs Il-Kummissjoni (C-320/92 P, Ġabru, EU:C:1994:414, punt 37)

69. L-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tgħid li l-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi ċirkustanza aggravanti abbażi tal-fatt li Eni kienet reċidiva, tidher fl-ewwel lok li hija ġġustifikata fir-rigward, preċiżament, tar-rekwiżiti stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha Eni vs Il-Kummissjoni<sup>52</sup> u Versalis vs Il-Kummissjoni<sup>53</sup>. B'mod speċjali, tidher li hija ġġustifikata fir-rigward tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-garanzija tad-drittijiet tad-difiża tal-kumpannija parent issanzjonata għal reċidiva f'ċirkustanzi bħal dawk f'din il-kawża, punt li dwaru l-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex l-okkażjoni tiddikjara l-pożizzjoni tagħha.

i) L-inkompatibbiltà tal-approċċ tal-Qorti Ġenerali mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

70. Mis-sentenza appellata jirriżulta li, essenzjalment, ma kienx possibbli li l-kumpannija parent titqies li hija reċidiva fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jiġifieri f'ipoteżi fejn kienet is-sussidjarja tal-imsemmija kumpannija parent li kienet suġġetta għall-ewwel sanzjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, mingħajr ma awtomatikament jinkisru d-drittijiet tad-difiża tagħha. Effettivament, fit-tali sitwazzjoni, il-kumpannija parent ma setgħetx tkun f'pożizzjoni, "fil-mument tal-ksur precedingenti"<sup>54</sup>, li tikkonfuta l-preżunzjoni li hija effettivament kienet teżerċita influwenza determinanti fuq is-sussidjarja tagħha li kienet għiet issanzjonata. Din l-impossibbiltà għall-kumpannija parent li tiżgura d-difiża tagħha hija marbuta maċ-ċirkustanza li hija ma kinitx id-destinatarja tad-deċiżjoni li tikkonstata l-ewwel ksur, li hija ma kinitx għiet issanzjonata għal dan il-ksur, u li hija ma kinitx irċeviet dikjarazzjoni ta' ogħżejjonijiet fil-kuntest ta' din il-konstatazzjoni<sup>55</sup>.

71. B'hekk, mis-sentenza appellata jirriżulta li r-reċidiva ta' persuna ġuridika ma tkunx tista' tiġi kkonstatata jekk din il-pesuna ma tkunx għiet issanzjonata precedingently. Kull konstatazzjoni ta' reċidiva b'hekk hija suġġetta mhux biss għall-imputazzjoni ta' żewġ atti ta' ksur simili u succcessivi għall-istess *impriża* iżda wkoll għall-issanzjonar effettiv tal-istess *persuna* li tkun wettqet dan il-ksur. Il-kunċett ta' reċidiva b'hekk jimplika li effettivament tiġi ssanzjonata l-istess *persuna* li tkun wettqet dawk iż-żewġ atti ta' ksur simili u succcessivi<sup>56</sup>.

72. L-approċċ ġenerali tar-reċidiva hekk difiż mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata b'hekk jidħol, fundamentalment, f'kontradizzjoni diretta ma' dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Groupe Danone vs Il-Kummissjoni<sup>57</sup>. Fi kwalunkwe każ, hija b'hekk ma għadhiex koerenti ma' dak li għie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha Eni vs Il-Kummissjoni<sup>58</sup> u Versalis vs Il-Kummissjoni<sup>59</sup>.

73. Effettivament jirriżulta minn dawn is-sentenzi li l-konstatazzjoni ta' reċidiva f'ipoteżi bħal dik f'din il-kawża ma tistax tiġi eskużha fil-prinċipju, kemm-il darba jkollha magħha l-garanziji meħtieġa, u tkun b'mod partikolari suġġetta għall-ħarsien ta' obbligu preċiż ta' motivazzjoni. Minn dan wieħed jista' jiddeduċi, b'mod iktar wiesa', li ma huwiex fl-istadju tal-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni ta' ksur li għandhom jiġi riżolti d-diffikultajiet li tali konstatazzjoni toħloq, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża tal-kumpannija parent, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, iżda fl-istadju tal-adozzjoni tat-tieni deċiżjoni ta' ksur, kif argumentat il-Kummissjoni.

52 — EU:C:2013:289.

53 — EU:C:2013:386.

54 — Ara l-punt 274, *in fine*, tas-sentenza appellata.

55 — Il-Qorti Ġenerali tirrileva wkoll li Eni ma nstemgħetx fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva li wasset għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li jikkonstataw l-ewwel ksur; ara l-punt 272 tas-sentenza appellata, *in fine*.

56 — Għandu jiġi osservat, iżda mingħajr ma nidħlu fid-dettall, li fis-sentenza ulterjuri tagħha fil-kawża Saint-Gobain Glass France *et* vs Il-Kummissjoni (EU:T:2014:160, punt 320), kien b'mod speċjali n-“nuqqas ta’ konstatazzjoni, fid-deċiżjoni precedingenti, ta’ unità ekonomika bejn tali kumpannija parent u s-sussidjarja tagħha” li tqies li kien determinanti, iktar milli l-fatt li l-kumpannija parent ma kinitx id-destinatarja tad-dikjarazzjoni ta’ ogħżejjonijiet u tad-deċiżjoni precedingenti.

57 — EU:C:2007:88, punt 41.

58 — EU:C:2013:289.

59 — EU:C:2013:386.

74. Il-Qorti Ĝeneralni b'hekk wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-ksur ikkonstatat fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata mwettaq minn Eni ma setax jitqies li huwa reċidiva fir-rigward tagħha, billi bbażat ruħha fuq l-unika konstatazzjoni li, peress li ma ġietx issanzjonata bid-deċiżjonijiet Polipropilen u PVC II invokati mill-Kummissjoni u li kienet, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' dawn tal-aħħar, destinatarja ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, hija ma kinitx f'pożizzjoni li tippreżenta, fil-mument tal-ksur preċedenti, l-argumenti tagħha sabiex tikkonesta l-preżunzjoni li hija kienet tikkostitwixxi unità ekonomika mal-impriżi ssanzjonati b'dawl id-deċiżjonijiet.

75. L-ewwel parti tal-ewwel aggravju mressaq mill-Kummissjoni b'hekk huwa fondat. Madankollu, dan ma jimplikax li l-appell għandu jintlaqa', jekk is-sentenza appellata tkun iġġustifikata fuq bażi legali oħra, li huwa l-każ f'din l-kawża, fuq bażi doppja.

ii) Il-konstatazzjoni tal-motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni kkontestata

76. Fl-ewwel lok għandu jiġi rrilevat li ma jidħirlix li huwa possibbli li jitqies li d-deċiżjoni kkontestata tissodisfa r-rekiżi ta' motivazzjoni ffissati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha Eni vs I-Kummissjoni<sup>60</sup> u Versalis vs Il-Kummissjoni<sup>61</sup>, inkwantu hija la tipprečiżza *fliema kwalità u lanqas, b'mod speċjali, sa liema grad* Eni kienet implikata fid-deċiżjonijiet Polipropilen u PVC II.

77. Il-premessi 540 u 541 tad-deċiżjoni kkontestata, iċċitatil mill-Qorti Ĝeneralni fil-punt 235 tas-sentenza appellata, effettivament jirrilevaw biss li Eni għandha titqies li hija reċidiva, waqt li jippreċiżaw, fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 517, li Anic, li hija sussidjarja tal-grupp Eni, kienet ġiet ikkundannata għall-parteċipazzjoni fl-akkordju kkonstatat bid-deċiżjoni Polipropilen tat-23 ta' April 1986, u li EniChem kienet għiet ikkundannata għall-parteċipazzjoni fl-akkordju kkonstatat bid-deċiżjoni PVC II tas-27 ta' Lulju 1994.

78. Peress li ġie ppreċiżat li l-partijiet ġew mistiedna jieħdu pożizzjoni fis-seduta dwar dawn iż-żewġ sentenzi sa fejn jirrigwardaw ir-reċidiva, wieħed jista' jipprevedi, l-istess bħal dawn iż-żewġ sentenzi, li tiġi kkonfermata s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni, permezz ta' sostituzzjoni tal-motivi, għaliex li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha elementi suffiċjenti li jippermettulha tikkonkludi li l-evalwazzjoni mill-Qorti Ĝeneralni tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata hija, fi kwalunkwe każ, iġġustifikata abbażi ta' motivazzjoni insuffiċjenti.

79. Madankollu, jidħirli li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu l-opportunità li joffrulha dawn il-kawża sabiex tapprofondixxi l-analiżi tagħha tal-legalità tal-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni u tindirizza, lil hinn mill-problema ta' motivazzjoni digħi identifikata, il-kwistjoni iktar fundamentali tal-garanzija tad-drittijiet tad-difiża tal-persuna meqjusa li hija reċidiva li din il-prassi toħloq.

iii) Il-konstatazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' Eni

80. Għalkemm, għall-finijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, il-konstatazzjoni li *persuna* tkun reċidiva ma timplikax neċċesarjament, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Groupe Danone vs Il-Kummissjoni<sup>62</sup>, li din il-*persuna* tkun ġiet issanzjonata preċedentement, iżda sempliċement il-konstatazzjoni ta' ksur li jkun seħħ preċedentement, din madankollu timplika, ta' mill-inqas, li din il-persuna tkun digħi, sa mill-bidu tal-proċedura li twassal biex hija tiġi ssanzjonata u tinstab li hija reċidiva, minn qabel u b'mod motivat, ġiet informata b'mod li hija tkun kompletament f'pożizzjoni li tkun tista' torganizza b'mod utli d-difiża tagħha f'dan ir-rigward.

60 — EU:C:2013:289.

61 — EU:C:2013:386.

62 — EU:C:2007:88, punt 41

81. Tali rekwiżit huwa meħtieġ *a priori* fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni għal gruppi ta' kumpanniji, meta jkun previst li tīgi aggravata b'reċidiva s-sanzjoni imposta fuq persuna mhux fuq il-bażi ta' deċiżjoni li tikkonstata ksur simili mwettaq preċedentement mill-imsemmija persuna, jiġifieri fatt ikkonstatat u stabbilit ġuridikament b'deċiżjoni definitiva, iżda sempliċement fuq il-konstatazzjoni li hija setgħet tinżamm responsabbi għal ksur simili preċedenti, mingħajr ma dan ikun ġie kkonstatat b'deċiżjoni indirizzata lilha.

82. Konstatazzjoni ta' reċidiva fċirkustanzi bħal dawk f'din il-kawża ma tistax tīgi aċċettata ħlief jekk il-Kummissjoni tiżgura, lil hinn mir-rekwiżiti ta' motivazzjoni digħi identifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha Eni vs Il-Kummissjoni<sup>63</sup> u Versalis vs Il-Kummissjoni<sup>64</sup>, garanzija stretta tad-drittijiet tad-difiża tal-kumpannija li allegatament tkun reċidiva.

83. Il-Kummissjoni b'hekk għandha, fl-ewwel lok, tibgħat lill-kumpannija parent dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet li biha hija tgħarrafha b'mod speċifku bl-intenzjoni tagħha li tissanzjonaha u li taggrava din is-sanzjoni b'reċidiva, waqt li tispjegħalha eżattament fuq liema bażi u għal liema raġunijiet. B'hekk ma huwiex biżżejjed li l-Kummissjoni sempliċement "issemmi" l-eżistenza ta' deċiżjoni li tikkonstata l-ksur preċedenti. Hija għandha tippreċiżha, għall-kuntrarju u ulterjorment, meta l-imsemmija deċiżjoni tissanzjona kumpannija oħra mingħajr ma tirreferi għal jew saħansitra ssemmi l-kumpannija parent, mhux biss li hija beħsiebha tibbażza ruħha fuq il-preżunzjoni li din tal-aħħar effettivament teżerċita influwenza determinanti fuq il-kumpannija ssanzjonata sabiex tikkonstata li hija reċidiva, iżda wkoll il-motivi li jidhriħla li jsejsu din il-preżunzjoni kif ukoll ir-raġunijiet għaliex jidhriħla li huwa meħtieġ li taggrava s-sanzjoni tagħha abbażi tar-reċidiva.

84. Huwa biss f'dawn il-kundizzjonijiet li l-kumpannija parent, li tkun informata minn qabel u debitament, tkun tista' ssib ruħha f'pożizzjoni li tikkonfuta l-preżunzjoni abbażi tal-konstatazzjoni ta' reċidiva u b'hekk tiżgura utilment id-difiża tagħha fil-perspettiva tal-adożjoni tad-deċiżjoni definitiva ta' sanzjoni. Dan ir-rekwiżit huwa meħtieġ b'wisq iktar intensità meta jkun għad hemm diffikultajiet oġġettivi għall-kumpannija parent biex tikkonfuta, forsi snin iktar tard, il-preżunzjoni li hija effettivament kienet teżerċita influwenza determinanti fuq is-sussidjarja tagħha li tkun inżammet responsabbi u tkun ġiet issanzjonata għall-ewwel ksur.

85. Għandu jiġi osservat, f'dan ir-rigward, li dawn ir-rekwiżiti ma huma xejn iktar u xejn inqas, l-istess bħal dawk li l-Kummissjoni kienet teżiġi kieku hija żammet lill-kumpannija parent responsabbi għall-ewwel ksur, fil-kwalitā tagħha bħala kumpannija li effettivament kienet teżerċita influwenza determinanti fuq is-sussidjarja tagħha ssanzjonata. Sempliċement, l-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti hija meħtieġa biss ulterjorment, f'dan il-każ, fil-mument meta, biex ngħidu hekk, tīgi attivata r-responsabbiltà tal-kumpannija parent għall-ewwel ksur.

86. Effettivament, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabilita, il-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża jeskludi li tista' titqies li hija leċita deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni timponi fuq *impriża* multa fil-qasam tal-kompetizzjoni mingħajr ma tkun informatha minn qabel bl-ilmenti kontriha, waqt li għandu jiġi ppreċiżat li, meta titqies l-importanza tagħha bħala garanzija

63 — EU:C:2013:289, punt 129.

64 — EU:C:2013:386, punt 142.

proċedurali essenzjali, id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet għandha mhux biss tippreċiża b'mod inekwivoku l-persuna ġuridika li tista' teħel il-multi, li jimplika li għandha tiġi identifikata<sup>65</sup>, iżda wkoll fliema kwalità din il-persuna ġuridika hija akkużata bil-fatti allegati, u għaldaqstant għandha tiġi indirizzata lilha<sup>66</sup>.

87. Il-Kummissjoni f'dan il-każ indikat fin-noti tagħha li d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet kienet tattira l-attenzjoni tad-destinatarji tagħha għar-reċidiva<sup>67</sup>.

88. F'ċirkustanzi bħal dawk ta' din il-kawża, il-Kummissjoni ma tistax tqis li wettqet l-obbligi tagħha billi sempliċement tkun semmiet dan il-fatt. Għall-kuntrarju hija kellha l-obbligu li tippreċiża, fid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, ir-raġunijiet ghalfnejn hija kienet tal-fehma li setgħet tibbażza ruħha fuq il-preżunzjoni li Eni kienet teżerċita influwenza determinanti fuq iż-żewġ sussidjarji tagħha ssanzjonati bl-imsemmija deċiżjonijiet kif ukoll ir-raġunijiet għaliex hija kien beħsiebha tattiva din il-preżunzjoni għall-finijiet li taggrava s-sanzjoni li hija kellha l-ħsieb li timponi.

89. L-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti hija meħtieġa wisq iktar peress li Eni kienet totalment inviżibbli fil-kuntest tal-konstatazzjoni tal-ewwel ksur, inkantu hija la kienet id-destinatarja u lanqas biss issemmiet fid-deċiżjonijiet finali, u peress li lanqas biss ġiet invokata l-possibbiltà li hija setgħet tinżamm responsabbi għall-ksur imwettaq mis-sussidjarji tagħha.

90. Għaldaqstant, minkejja l-imperfezzjonijiet li bihom hija vvizzjata s-sentenza appellata, għandha tiġi kkonfermata l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tgħid li l-Kummissjoni ma setgħetx tikkunsidra r-reċidiva bħala ċirkustanza aggravanti fir-rigward ta' Eni, peress li d-deċiżjoni kkontestata tidher fi kwalunkwe każ li hija vvizzjata bi ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' Eni u b'motivazzjoni insuffiċjenti.

*C – Fuq il-klassifikazzjoni tar-reċidiva ta' Versalis u l-kundanna in solidum ta' Eni għall-finijiet tal-ħlas taż-żieda tal-multa (il-ħames aggravju fil-Kawża C-123/13 P)*

## 1. Il-motivi tas-sentenza appellata

91. Il-Qorti Ġenerali essenzjalment iddeċidiet, fil-punti 277 sa 280 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni setgħet tibbażza ruħha fuq id-deċiżjoni PVC II, li permezz tagħha EniChem kienet ġiet ikkundannata, biex tikkonstata r-reċidiva ta' Polimeri Europa, li saret Versalis, u żżid l-ammont tal-multa, li kellha titħallas *in solidum* minn Eni, inkwantu Polimeri Europa kienet is-suċċessur ekonomiku ta' EniChem għall-attività tal-lasktu tal-kloropren u, bħala tali, responsabbi għat-tieni ksur imwettaq minnha matul il-perijodu mit-13 ta' Mejju 1993 sal-31 ta' Diċembru 2001 ikkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata.

92. Hija min-naħħa l-oħra ddeċidiet, fil-punti 281 u 282 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbażza ruħha fuq id-deċiżjoni Polipropilen biex tqis li Polimeri Europa kienet reċidiva, inkwantu, essenzjalment, Eni ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala reċidiva, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 272 sa 274 tas-sentenza appellata u eżaminati iktar 'il fuq. Hija b'hekk iddikjarat id-deċiżjoni kkontestata illegali fuq dan il-punt (punt 287 tas-sentenza appellata) u kien fuq din il-bażi li hija ddeċidiet li tnaqqas il-perċentwali taż-żieda tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti minn 60 għal 50% (punt 367 tas-sentenza appellata).

65 — Sentenza Limburgse Vinyl Maatschappij *et vs* Il-Kummissjoni (T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T-335/94, Ġabro, EU:T:1999:80, punt 978).

66 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Musique Diffusion française *et vs* Il-Kummissjoni (100/80 sa 103/80, Ġabro, EU:C:1983:158, punt 14); Compagnie maritime belge transports *et vs* Il-Kummissjoni (C-395/96 P u C-396/96 P, Ġabro, EU:C:2000:132, punti 142 sa 145); Papierfabrik August Koehler *et vs* Il-Kummissjoni (C-322/07 P, C-327/07 P u C-338/07 P, Ġabro, EU:C:2009:500, punti 34 sa 48); Akzo Nobel *et vs* Il-Kummissjoni (EU:C:2009:536, punti 57 sa 64) kif ukoll Ballast Nedam vs Il-Kummissjoni (C-612/12 P, Ġabro, EU:C:2014:193, punti 24 sa 30).

67 — Ara l-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet.

## 2. Argumenti tal-partijiet

93. Permezz tal-ħames aggravju tagħhom, ir-rikorrenti jargumentaw li l-Qorti Ĝeneralni wettqet żball ta' li ġiġi meta kkonfermat li ċ-ċirkustanza aggravanti tar-reċidiva kienet applikabbli għal Polimeri Europa, li saret Versalis, fuq il-bażi tal-kundanna ta' EniChem fil-kuntest tad-deċiżjoni PVC II. Huma jikkontestaw fl-istess ħin il-motivazzjoni tas-sentenza, l-applikazzjoni f'din il-kawża tal-kriterju ta' suċċessjoni ekonomika u ċ-ċirkustanza li l-Qorti Ĝeneralni kkonstatat ir-reċidiva fuq bażi differenti minn dik magħżula mill-Kummissjoni (l-ewwel parti). Huma tal-fehma, barra minn hekk, li l-Qorti Ĝeneralni marret kontra l-prinċipju ta' proporzjonalită meta stabbilixxiet it-tnejja tal-perċentwali taż-żieda tal-multa minn 60 għal 50 % (it-tieni parti) u wettqet żball ta' li ġiġi meta kkundannat lil Eni *in solidum* għall-ħlas taż-żieda tal-multa abbażi tar-reċidiva (it-tielet parti).

94. Il-Kummissjoni targumenta li dan il-ħames aggravju, meta jitqiesu d-diversi partijiet tiegħu, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

## 3. Analiżi

95. Jidhirli li, inkwantu t-tieni aggravju mressaq mir-rikorrenti fil-Kawża C-123/13 P għandu jiġi miċħud<sup>68</sup>, il-ħames aggravju fil-partijiet kollha tiegħu għandu għaldaqstant jiġi miċħud ukoll.

96. Effettivament, jiena tal-fehma li l-Qorti Ĝeneralni, wara motivazzjoni suffiċjenti minkejja li kemmxejn konċiża setgħet ġustament tqis li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, fejn Versalis hija s-suċċessur ekonomiku ta' EniChem fil-kuntest ta' grupp ta' kumpanniji kkontrollati mill-istess persuna ġuridika, f'dan il-każ Eni, hija tabilħaqq il-persuna ġuridika li hija responsabbi għall-ksur ikkonstatat rispettivament bid-deċiżjoni PVC II u bid-deċiżjoni kkontestata. F'każ kuntrarju, effettivament, kif ikkonstatat il-Qorti Ĝeneralni (punt 279 tas-sentenza appellata), ikun biżżejjed għall-gruppi ta' kumpanniji li jittrasferixxu r-responsabbiltà tal-attività ekonomika lil kumpannija li tkun ikkundannata għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni lil kumpannija oħra tal-grupp biex sistematikament jaħarbu minn kull konstatazzjoni ta' reċidiva. L-argument li l-Qorti Ĝeneralni kkonstatat ir-reċidiva fuq bażi differenti minn dik magħżula mill-Kummissjoni għandu, f'din il-perspettiva, jiġi miċħud bħala infondat.

D – *Fuq il-legalità tat-tnejja tal-koeffċient multiplikatur applikat għal Eni u Versalis (it-tieni u t-tielet aggravji fil-Kawża C-93/13 P)*

## 1. Argumenti tal-partijiet

97. Permezz tat-tieni u t-tielet aggravji tagħha, il-Kummissjoni targumenta li l-Qorti Ĝeneralni wettqet diversi żbalji ta' li ġiġi fl-evalwazzjoni tagħha tal-applikazzjoni tal-koeffċient multiplikatur għal Eni u Versalis.

98. Hijha jidhrilha fl-ewwel lok (it-tieni aggravju, li jirrigwarda l-punt 326 tas-sentenza appellata) li l-Qorti Ĝeneralni wettqet żball ta' li ġiġi meta kkonstatat ir-reċidiva ta' l-riktorrenti tal-ġurid, u b'mod iktar preċiż kisret il-prinċipju dispożittiv, l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, u l-Artikoli 44(1) u 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, billi eżaminat jekk l-applikazzjoni ta' koeffċient multiplikatur ta' 1.4 għal Eni u Versalis kienx, meta mqabbel mal-koeffċient applikat għal Dow, konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza, waqt li r-riktorrenti kienu invokaw dan il-prinċipju biss fl-istadju tas-seduta.

68 — Ara l-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet.

99. Hija sussegwentement tqis (it-tielet aggravju li jirrigwarda l-punti 323 sa 325 tas-sentenza appellata) li l-Qorti Ĝeneralı wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament f'dan il-każ.

100. Ir-rikorrenti jitbolu li dawn iż-żewġ aggravji jiġu miċħuda.

## 2. Analiżi

101. It-tieni aggravju tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud bħala manifestament nieqes minn kull bażi. Fil-fatt, ma jistax jitqies li l-Qorti Ĝeneralı qajmet *ex officio* l-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza, peress li, fil-punt 106 tar-rikors tagħhom fl-ewwel istanza, ir-rikorrenti kienet digħi lmentaw li l-Kummissjoni kienet applikatilhom koeffiċjent multiplikatur mingħajr ma applikatu għal impriżi oħra. Dan l-istess ilment ġie mtenni u żviluppat fil-punti 56 u 57 tar-replika tagħhom fl-ewwel istanza, fejn ir-rikorrenti sostnew espliċitament li l-Kummissjoni kienet applikat żieda erba' darbiet iktar minn dik applikata għal Dow. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ppreċiżaw waqt is-seduta li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, iż-żieda imposta fuqhom kienet kuntrarja għall-prinċipju ta' ugwaljanza (punti 310 u 322 tas-sentenza appellata).

102. It-tielet aggravju tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud ukoll.

103. Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja digħi kellha l-okkażjoni tenfasizza li, fil-kuntest tal-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, trattament differenti bejn l-impriżi kkonċernati huwa parti mid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni peress li fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha, il-Kummissjoni hija msejħha tindividwalizza s-sanzjoni fir-rigward tal-agħir u l-karatteristiċi partikolari għall-impriżi kkonċernati, sabiex tiggarantixxi, f'kull każ, l-effikaċja sħiħa tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni<sup>69</sup>.

104. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, fil-każ tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, ma tistax issir diskriminazzjoni bejn l-impriżi li pparteċipaw għal ftehim bl-applikazzjoni ta' metodi ta' kalkolu differenti<sup>70</sup>. Mill-ġurisprudenza jirriżulta, b'mod iktar wiesa', li t-trattament differenti tal-impriżi li jkunu jinsabu fl-istess sitwazzjoni jista' jkun ġustifikat biss fil-preżenza ta' raġunijiet oġġettivi<sup>71</sup>.

105. Dak li l-Kummissjoni tikkontesta f'dan il-każ huwa madankollu mhux tant il-prinċipju stess tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza, iżda l-mod kif il-Qorti Ĝeneralı applikatu speċifikatament f'dan il-każ. Hija ssostni, b'mod iż-żejd partikolari, li l-Qorti Ĝeneralı qabblet id-dħul mill-bejgħ totali ta' Eni u ta' Dow rispettivament użati mill-Kummissjoni għall-bżonnijiet tal-kalkolu tal-koeffiċjent, filwaqt li kellha titqabel ir-rabta bejn id-dħul mill-bejgħ totali taż-żewġ gruppi u d-dħul mill-bejgħ imwettaq mill-bejgħ tal-prodotti li kienet s-suġġett tal-akkordju, jiġifieri 3000:1 għal Eni u 1000:1 għal Dow.

106. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ĝeneralı f'dan ir-rigward hija eskużiżiavent ibbażata fuq il-motivi li jinsabu fil-punti 584 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punti 308 u 323 sa 325 tas-sentenza appellata). L-imsemmi punt jirreferi biss għad-dħul mill-bejgħ totali tal-gruppi. Għaldaqstant, il-Qorti Ĝeneralı ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonkludiet li f'dan il-każ kien hemm ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza, peress li l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda raġuni oġġettiva li tiġġustifika d-differenza ta' trattament bejn Eni u Dow.

69 — Ara s-sentenzi, Britannia Alloys & Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-76/06 P, EU:C:2007:326, p. I-4405, punt 44) u Caffaro in amministrazione straordinaria (li kienet Caffaro) vs Il-Kummissjoni (C-447/11 P, EU:C:2013:797, punt 50).

70 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Sarriö vs Il-Kummissjoni (C-291/98 P, Ġabra, EU:C:2000:631, punt 97); Alliance One International u Standard Commercial Tobacco vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Alliance One International *et al* (C-628/10 P u C-14/11 P, Ġabra, EU:C:2012:479, point 58), kif ukoll Ziegler vs Il-Kummissjoni (C-439/11 P, Ġabra, EU:C:2013:513, punt 133).

71 — Ara, f'dan is-sens is-sentenzi Dow Chemical *et al* vs Il-Kummissjoni (C-499/11 P, Ġabra, EU:C:2013:482, punti 50 u 51) kif ukoll Kendrion vs Il-Kummissjoni (C-50/12 P, Ġabra, EU:C:2013:771, punti 65 u 66).

E – *Fuq id-determinazzjoni tal-limitu minimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ (is-sitt aggravju fil-Kawża C-123/13 P)*

## 1. Argumenti tal-partijiet

107. Permezz tas-sitt aggravju tagħhom, ir-rikorrenti jqisu li, kif huma argumentaw fil-kuntest tal-ewwel u t-tieni aggravji tagħhom, huma ma jistgħux jinżammu responsabbi għall-ksur li ġie imputat lilhom, peress li l-ammont massimu tal-multa previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 kellu jiġi applikat għad-dħul mill-bejgħ ta' [kunfidenzjali] biss u b'hekk kellu jiġi ffissat għal EUR 82 miljun, jew 10 % tad-dħul mill-bejgħ ta' EUR 820 miljun ta' din tal-aħħar għall-2006.

## 2. Analiżi

108. Kif intqal fil-punti 24 u 27 ta' dawn il-konklużjonijiet, inkwantu l-ewwel u t-tieni aggravji tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bħala infondati, jidhirli li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar is-sitt aggravju.

F – *Fuq in-nuqqas ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-evalwazzjoni tal-kooperazzjoni ta' [kunfidenzjali] u ta' Versalis abbażi tal-komunikazzjoni dwar il-klementa (is-sitt aggravju fil-Kawża C-123/13 P)*

## 1. Argumenti tal-partijiet

109. Permezz tas-seba' aggravju tagħhom, ir-rikorrenti essenzjalment jargumentaw li l-Qorti Ġenerali astjeniet illegalment milli teżerċi ta' l-istħarriġ ġudizzjarju li kienet obbligata li twettaq fir-rigward tar-rifut min-naħħa tal-Kummissjoni li tnaqqas il-multa imposta fuqhom abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Frar 2002, fuq l-immunità tal-multi u t-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-kawżi dwar akkordji<sup>72</sup> jew inkella b'mod konformi mal-punt 29 tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi. Billi qieset, essenzjalment, li l-informazzjoni pprovduta minn [kunfidenzjali] u Versalis kienet nieqsa minn valur miżjud sinifikattiv, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' evalwazzjoni u motivat b'mod insuffiċjenti s-sentenza tagħha.

110. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, peress li r-rikorrenti sempliċement tennew l-argumenti mressqa fl-ewwel istanza u qeqħdin jippruvaw jiksbu evalwazzjoni ġidida tal-fatti. Dan għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi miċħud bħala infondat, peress li l-Qorti Ġenerali stħarrġet l-evalwazzjoni mwettqa f'dan ir-rigward, anki b'mod ristrett minħabba l-marġni ta' diskrezzjoni li għandha f'dan ir-rigward.

## 2. Analiżi

111. Għandu jiġi kkonstatat li l-argument imressaq mir-rikorrenti fil-kuntest tal-appell tagħhom jirriproduċi ferm sostanzjalment dak li l-Qorti Ġenerali evalwat fis-sentenza appellata (punti 350 sa 365) b'mod li dan il-motiv jista', fuq din il-bażei, jiġi miċħud bħala inammissibbli.

72 — ĠU C 45, p. 3.

G – *Fuq l-intensità tal-istħarriġ mill-Qorti Ĝeneralis tal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-kwantifikazzjoni tal-multa (it-tmien aggravju fil-Kawża C-123/13 P)*

## 1. Argumenti tal-partijiet

112. Permezz tat-tmien aggravju, ir-rikorrenti jargumentaw li l-ammont tal-multa imposta fuqhom huwa inġust, mhux adatt u sproporzjonat u li l-Qorti Ĝeneralis naqset milli teżerċita s-setgħa ta' ġurisdizzjoni sħiħa li jagħtiha l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003. Huma jallegaw spēcifikkament li l-Qorti Ĝeneralis kisret id-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u kompluta billi sempliċement eżerċitat stħarriġ sempliċi tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma evalwat iċ-ċirkustanzi tal-każ.

## 2. Analiżi

113. Kif digħà qalet il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tiddeċiedi fuq punti ta' liġi fil-kuntest ta' appell, hija ma għandhiex tissostitwixxi, minħabba raġunijiet ta' ekwid, l-evalwazzjoni tal-Qorti Ĝeneralis b'tagħha, li tkun iddeċidiet fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, dwar l-ammont tal-multi imposta fuq impriżi minħabba ksur, minn dawn tal-aħħar, tar-regoli tal-kompetizzjoni<sup>73</sup>.

114. Għaldaqstant, inkwantu t-tmien aggravju tar-rikorrenti huwa limitat għal kontestazzjoni tal-proporzjonalità tal-multa imposta fuqhom u huwa maħsub biex iwassal għal rieżami tal-evalwazzjonijiet fattwali li għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex kompetenza fil-kuntest ta' appell<sup>74</sup>, dan għandu jiġi ddikjarat inammissibbli.

## VII – Fuq l-ispejjeż

115. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż meta l-appell ma jkunx fondat.

116. Inkwantu jiena tal-fehma li ż-żewġ appelli għandhom jiġu miċħuda u fejn il-partijiet talbu għall-kundanna rispettiva tagħhom fiż-żewġ kawżi, jiena nippōroni, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet flimkien tal-Artikoli 184(1) u 137 tar-Regoli tal-Proċedura, li tiġi kkundannata għall-ispejjeż kull waħda mill-partijiet li tilfet l-appell tagħha.

## VIII – Konklużjoni

117. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

- 1) tiċħad l-appelli fil-Kawża C-93/13 P u C-123/13 P.
- 2) tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż fil-Kawża C-93/13 P.
- 3) tikkundanna lil Versalis SpA u Eni SpA għall-ispejjeż fil-Kawża C-123/13 P.

73 – Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Finsider vs Il-Kummissjoni (EU:C:1994:414, punt 46); BPB Industries u British Gypsum vs Il-Kummissjoni (C-310/93 P, Ġabro, EU:C:1995:101, punt 34); Eni vs Il-Kummissjoni (EU:C:2013:289, punt 105), kif ukoll Solvay Solexis vs Il-Kummissjoni (C-449/11 P, EU:C:2013:802, punt 74).

74 – Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi British Sugar vs Il-Kummissjoni (C-359/01 P, EU:C:2004:255, punt 49) u Dansk Rørindustri *et al* vs Il-Kummissjoni (EU:C:2005:408, punt 246).